MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1167/2002

Kawza fil-lista: 34

**A B C f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri D B C**
**vs**
**E sive F B C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-attrici u l-konvenut izzewgu f' Malta fl-ghoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel uniku, D li twieled fis-27 ta' Jannar 1999 (Dok. A u B), kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U peress li l-hajja konjugali saret impossibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut u minhabba li tkissret irrevokabilment;

U peress li ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f’ dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dan skond digriet moghti minn dik il-Qorti b’ digriet li jgib in-numru elf, seba’ mija u sebgha tas-sena rikorrenti (1707/2002) (Dok. C);

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, jghid il-konvenut ghaliex:

1. M’ ghandhiex tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. M’ ghandhiex l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri D B C salv l-access tal-kovenut b’ dawk il-modalitajiet kollha intizi ghall-ahjar protezzjoni tieghu.

3. M’ ghandux l-imsemmi konvenut jigi ikkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghal binhom minuri dik ir-retta alimentarja lilhom dovuti skond il-Ligi b’ dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u, jew tnaqqis mill-paga tal-konvenut skond il-kaz, li ghandhom jigu iffissati minn din il-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri;

4. M’ ghandhomx jigu applikat kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte.

5. M’ ghandhiex din il-Qorti tiddikjara xjolta il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-beni in komuni bejniethom okkorrendo b’ opera ta’ perit nominand, u jigi stabbilit data li minnha l-konvenut jitqies li

ma jippartecipax fil-qliegh u akkwisti tal-attrici, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. M’ ghandhiex din il-Qorti tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dak l-iskop.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u ta’ l-atti gudizzjarji kollha kontra l-konvenut, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi ghalkemm huwa minnu illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabilment, dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici konsistenti f’ adulterju, ingurji gravi, eccessi, vjolenza morali, sevizzi u abbandun fil-konfront tal-konvenut.

2. Illi t-tieni talba attrici hija wkoll infondanta fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda peress illi l-attrici m’ hijix kapaci tassumi wahedha l-kura u l-kustodja tal-minuri.

3. Illi t-tielet talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, peress illi l-ebda retta alimentarja ma hi dovuta lill-attrici stante adulterju u abbandun fil-konfront tal-konvenut.

4. Illi kwantu ghar-raba’ talba attrici, din hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut ma jahtix ghas-separazzjoni personali.

5. Illi kwantu ghall-hames talba din hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenut ghandu jippartecipa fil-qliegh u l-akkwisti ta’ l-attrici peress illi hu ma jahtix ghas-separazzjoni.

6. Illi kwantu ghas-sitt talba din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress li l-attrici hija hatja ta' adulterju u abbandun inter alia.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonanti, li tinsab a fols.23 et seq. tal-process [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata, li tinsab a fols.79 et seq. tal-process [Appendici B];

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 2004 li permezz taghha z-zwieg bejn il-kontendenti kien gie annullat ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet;[1]

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ramona Frendo, minnha debitament mahluf;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2008 fejn l-Avukat ta' l-attrici ddikjarat li l-konvenut jinsab residenti barra minn Malta u li "il-partijiet kienu bieghu d-dar matrimonjali u qassmu l-assi taghhom, u b' hekk ma fadalx pendenzi rigward l-assi ta' bejniethom."[2]

Rat il-verbal maghmul fl-istess udjenza mid-difensur tal-konvenut fejn informa lill-Qorti li l-klijent tieghu ilu zmien ma jikkomunika mieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u kontro talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni u l-kontro talba, il-partijiet qed jitlobu s-separazzjoni personali ghar-ragunijiet imputabbli lil xulxin reciprokament; kif ukoll sabiex din il-Qorti

[1] Fol.284 *et seq.*
[2] Fol.334

tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni, fosthom il-kwistjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri; il-manteniment ghal binha; ix-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta l-akkwisti;

Illi, stante li fil-mori tal-proceduri fit-30 ta' Gunju 2004 iz-zwieg bejn il-partijiet gie annullat minn din il-Qorti, ma hemmx aktar lok li jigu decizi t-talba ghas-separazzjoni personali, u t-talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16.

Illi inoltre, tenut kont tal-verbal registrat mill-attrici, fis-sens li l-partijiet kienu lahqu ftehim dwar l-assi tal-komunjoni, u li ma kienx hemm pendenzi rigward assi ta' bejniethom, liema dikjarazzjoni ma gietx kontraddetta minn naha konvenuta, mhuwiex aktar il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha fuq dan l-aspett tal-kawza, hlief li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi, ghalhekk jibqghu pendenti, ghad-decizjoni ta din il-Qorti, il-kwitsjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri, u l-konsegwenzjali obbligu ta' manteniment ghal minuri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Kura u Kustodja*

Illi in materja l-Qorti taghmel ampja referenza ghall-konsiderazzjonijiet[3] u taddotta fl-intier taghha l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fir-rapport taghha fil-pagna 100[4], fl-ahhar paragrafu [Appendici C].

Ghaldaqstant, u fl-interess tal-minuri D li llum ghandu kwazi disa' snin, tikkonferma d-digriet moghti minnha fit-8 ta' Marzu 2006, salv ghal dak li ser jinghad. Ghalhekk tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' fdata f idejn ommu l-attrici; u, stante l-impenji taghha ta' xoghol, l-istess attrici qed tigi awtorizzata tbiddel ir-residenza tal-minuri D minn Malta lejn Vienna, skond kif mehtieg. Jibqa' mpregudikat id-dritt ta' access favur il-missier, li l-modalita' tieghu ghandha tigi stabbilita f' applikazzjoni

[3] Fols.474 sa 486

[4] Fol.486

appozita, stante li llum jidher li l-missier jghix x' imkien barra minn Malta, f' post mhux maghruf ghall-attrici.

*Manteniment*
Illi, filwaqt li mhux il-kaz li jigi kwantifikat manteniment ghall-attrici, tenut kont tal-fatt li z-zwieg jinsab annullat, u b' mod partikolari tenut kont tal-fatt li l-attrici ghandha ntrojtu minn impieg taghha, izda t-talba attrici ghal manteniment, arretrat u futur, dovut mill-konvenut liha ghal binhom Bijon, ghandha tigi deciza, stante li mill-atti ma jidhirx li sar xi ftehim in propozitu bejn il-partijet; u dan il-manteniment huwa ghal beneficju tal-minuri, u ghalhekk din il-Qorti hija fid-dmir li tistabbilixxi u tikkwantifika l-ammont hekk dovut.

In propozitu l-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fir-relazzjoni taghha fil-pagni 487 sa 493, u taghmilhom taghha [Appendici D].

Konsegwentement tistabbilixxi l-manteniment arretrat dovut mit-30 ta' Settembru 2002, salv ghall-ammont imhallas mill-konvenut u l-effetti tad-digriet tad-9 ta' Novembru 2006, fl-ammont komplessiv ta' disat elef, tmien mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin ewro centezmu (€9853.25) ekwivalenti fi flus Maltin ghal Lm4,230.

Il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni dwar il-hlas ta' lump sum rapprezentanti manteniment ghall-futur sakemm il-minuri jsir il-maggjorenni, stabbilita fl-ammont ta' ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u erbghin Ewro u erbghin ewro centezmu (€20,943.40) ekwivalenti fi flus maltin ghal Lm8,991.

Ghalhekk b' kollox il-konvenut ghandu jghati lill-attrici bhala manteniment, arretrat u futur, ghal binhom minuri Bijon, is-somma komplessiva ta' tletin elf, sebgha mija u sitta u disghin Ewro u hamsa u sittin ewro centezmu (€30,796.65) ekwivalenti fi flus maltin ghal Lm13,221; u ghalhekk, salv ghal dak li ser jinghad hawn that, il-konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attrici din is-somma,

bhala pagament globali u ta' darba, bl-imghax legali mid-data li dan il-gudizzju jghaddi f' gudikat sad-data tal-pagament effettiv.

Illi, stante li mill-atti ma jirrizultax kif il-partijiet ftehemu li jaqsmu l-assi taghhom, il-Qorti qed taghmel is-segwenti rizerva fir-rigward ta' l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, billi tordna li minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas, dak li jirrizulta li seta' gie pattwit bejn il-partijiet fil-likwidazzjoni ta' l-assi, li kellu jirrapprezenta pagament, in parte jew in toto, tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal ibnu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tar-raba' talba, stante li z-zwieg de quo gie annullat;
[2] tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attrici, fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";
[3] tilqa' it-tielet talba limitatament ghall-manteniment tal-minuri, fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Manteniment"; filwaqt li tichad it-talba ghall-kumplament;
[4] tilqa' il-hames talba limitatament billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti mit-30 ta' Gunju 2004; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba, stante ftehim bejn il-partijiet;
[5] tichad is-sitt talba;
L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tielet talba ghar-raguni fuq indikata;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tilqa' ir-raba' talba fis-sens fuq deciz;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u tas-sitt talba, stante ftehim raggjunt mill-partijiet;
[5] tichad is-seba' talba;
[6] tichad it-tmien talba;
L-ispejjez tal-kontro talba ghandhom jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------